MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## KONSULTAZZJONI DWAR IR-REGOLAMENTI DWAR L-ASSI FINANZJARJI VIRTWALI

L-MFSA ppubblikat għall-konsultazzjoni r-Regoli dwar l-Assi Finanzjarji Virtwali għall-Aġenti tal-VFA.

Wara r-reazzjonijiet pożittivi li rċiviet dwar il-proposti marbuta mal-introduzzjoni ta' qafas leġislattiv ġdid li jirregola l-*Initial Coin Offerings* ('ICOs') u l-provvediment ta' ċertu servizzi marbuta mal-muniti virtwali, l-MFSA ħejjiet abbozz u ssottomettiet lill-Gvern l-Att dwar l-Assi Finanzjarji Virtwali ('l-Att'). L-Att għandu jidħol fis-seħħ meta l-Ministru għall-Ekonomija Diġitali jistabbilixxi permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Fl-4 ta' Lulju 2018, l-MFSA ppubblikat *Dokument ta' Konsultazzjoni* li ppreżenta abbozz ta' Avviż Legali li jistipula r-regolamenti dwar: [i] eżenzjonijiet; [ii] miżati; [iii] kontroll tal-assi; u [iv] penali amministrattivi u appelli ('ir-Regolamenti dwar l-Assi Finanzjarji Virtwali'). Din il-konsultazzjoni tagħlaq fl-20 ta' Lulju 2018.

Issa l-Awtorità qed tipprepara regoli li jikkumplimentaw l-Att u r-Regolamenti. Ir-regoli se jipprovdu r-regolamentazzjoni dettaljata applikabbli għall-operaturi ta' dan il-qasam tas-servizzi finazjarji. L-MFSA qed tipproponi l-introduzzjoni ta' *Rulebook*, bl-isem ta' '*Virtual Financial Assets Rulebook*', li se jinkludi tliet kapitoli, li jiffukaw, rispettivament fuq: *VFA Agents* (Kapitlu 1), *Issuers of Virtual Financial Assets* (Kap. 2) u *VFA Service Providers* (Kap. 3).

L-iskop ta' din il-Konsultazzjoni huwa li l-industrija tagħti l-perspettiva tagħha dwar l-ewwel Kapitlu ta' dan ir-*Rulebook*.

Id-Direttur tas-*Securities and Markets Supervision Unit* tal-MFSA, Dr Christopher P. Buttigieg, spjega li: "*L-MFSA qed tħejji l-qafas biex tirregola u tissorvelja l-operaturi fil-qasam tal-assi finanzjarji virtwali biex tiżgura l-protezzjoni xierqa tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. Fit-termini tal-Att dwar l-Assi Finanzjarji Virtwali, l-Aġenti VFA għandhom l-irwol li jippreżentaw l-applikazzjonijiet lill-MFSA f'isem l-issuers u s-service providers. Huma se jkunu meħtieġa jwettqu due diligence estesiva fuq l-applikanti f'dan il-qasam u għandhom rwol kruċjali sabiex jagħtu kontribut għal sistema finanzjarja sigura u soda. Ir-regoli proposti se jirregolaw l-attività tal-Aġenti VFA biex ikun assigurat li dawn l-entitajiet huma xierqa u idoneji għal dan l-iskop*".

Il-Konsultazzjoni hi aċċessibbli mis-sit www.mfsa.com.mt/consultation u se tibqa' miftuħa sal-31 ta' Lulju 2018. Persuni interessati jistgħu jibgħatu kummenti jew reazzjonijiet fir-rigward ta' din il-

Konsultazzjoni permezz ta'email fuq fintech@mfsa.com.mt sa mhux aktar tard mill-**31 ta' Lulju 2018**.

Taqsima tal-Komunikazzjoni
12 ta' Lulju 2018
Ref: 10-2018